Kunsill Lokali Ħal Balzan
7/9, Triq Dun Spir Sammut,
Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 38

Data tal-laqgħa: 27 ta` Lulju 2017

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan ltaqa` fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta` filgħaxija.

### PREŻENTI:

Nutar Ian Spiteri – Sindku
Andre` Grech – Viċi Sindku
Desmond Zammit Marmara` – Kunsillier
Daniel Muscat – Kunsillier
Joe Galea – Kunsillier

### ASSENTI b`APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b`apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku in-Nut. Ian Spiteri ippresjeda l-laqgħa.

## 38.1 Qari tal-ittri ta` apoloġiji

38.1.1 Ma kienx hemm ittri ta` apoloġiji.

## 38.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 37

38.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-minuti tas-Sebgħa u Tletin Laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

38.2.2 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` talab li jiżdiedu dawn il-kliem: ''*b`eċċezzjoni tal-Kunsillier Desmond Zammit Marmara`*'' bejn il-kelma ''unanimament'' u l-kelma ''approva'' fit-tielet (3) linja ta` punt 27.7.6. Il-Kunsill approva li l-minuti jiġu emendati kif mitlub mill-Kunsillier Desmond Zammit Marmara`.

38.2.3 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti oħra. Il-minuti kienu approvati unanimament.

## 38.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

38.3.1 Is-SE infurmat lill-Kunsill li fejn il-Hospice diġa` hemm tabella *Alighting and Boarding* bil-ħinijiet tal-ftuħ, għalhekk m`hemmx għalfejn li napplikaw għal permess ma` Transport Malta.

38.3.2 Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-applikazzjoni mar-Reġjun Ċentru biex issir parti minn Triq Qarċilla ma saritx għax il-perit li kellu jipprepara stima tax-xogħlijiet u pjanta ma kienx disponibbli.

## 38.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

38.4.1.1 Is-Sindku in-Nut. Ian Spiteri infurma lill-Kunsill li għad m`hemmx indikazzjoni meta se ssir ir-rikostruzzjoni tal-Wied ta` Ħal Balzan. Fil-lista ta` toroq li ġew imħabbra mill-Gvern li se jsiru, Ħal Balzan ma ssemma mkien.

38.4.1.2 Il-Kunsillier Joe Galea se jiċċekkja mal-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali jekk hemmx xi strateġija mill-Gvern ta` kif se jsiru t-toroq peress li l-Wied ta` Ħal Balzan kienet imwiegħda li ssir fis-sena 2018.

38.4.2 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li dwar il-proġett ta` e*mbellishment* fi Triq il-Ferrovija l-Qadima fejn is-siġra tal-fikus, se jintaqa` mal-perit fuq il-post.

38.4.3 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li hemm bżonn lir-*Reserved Parking Bay* tat-tabib tal-Berġa li saret fi Triq il-Kbira, faċċata tal-Lotto hemm bżonn li tersaq għal Triq l-Annunzjata peress lit-tabella ġiet eżatt maz-zuntier tal-Knisja. Se nitolbu permess lill-Transport Malta biex ir-*Reserved Parking Bay* tiċċaqlaq.

38.4.4 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li issa li l-entitajiet kollha ħarġu mill-fond 153, Triq il-Kbira, il-*Communal Reserved Parking for Blue Badged Holders* m`għadx hemm bżonnha. Se jintalab permess lill-Transport Malta biex titneħħa u ssir *parking bay* bajda.

38.4.5 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li daħlulu diversi ilmenti li qed isir *piling* tal-boroż suwed b`konsegwenza li qed jostakalaw il-bankina, karozzi pparkjati u xi garaxxijiet. Il-kuntrattur se jiġi nfurmat dwar dan.

38.4.6 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li hemm bżonn li ssir laqgħa mal-Maġġur u r-rappreżentanti tal-Każini tal-festa sabiex jiġi diskuss is-saħħa u s-sigurta` waqt li jkun qed jinħaraq in-nar fil-ġimgħa tal-festa. Is-SE

se tieħu ħsieb tagħmel l-arranġament biex il-laqgħa ssir qabel il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

## 38.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

38.5.1 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` infurma lill-Kunsill li l-kors edukattiv dwar il-kura tal-ġilda u kif tapplika l-*make-up* mill-kumpanija Franks se jsir nhar l-Erbgħa 11 ta` Ottubru 2017 bejn il-5.00pm u s-7.00pm.

38.5.2 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` infurma lill-Kunsill li fi Triq B. Bontadini xi ħadd ħareġ xi *planters* fuq il-bankina b`konsegwenza li qed jostakolaw l-aċċess. Is-sid se jiġi nfurmat biex jitneħħew.

38.5.3 Il-Kunsillier Joe Galea issuġġerixxa li jiżdied il-prezz tat-tabelli tan-*No Parking* li jinħarġu mill-Kunsill. Bħalissa, il-Kunsill iżomm l-ammont miżeru ta` €0.58c ta` kollox. Ġie deċiż li jibda jintalab l-ammont ta` €1.00c għal kull *parking bay* li jkollhom bżonn. It-tabelli jibdew jinħarġu bil-kulur, fuq karta kkulurita u ffirmati bl-linka blu. Din id-deċiżjoni se titħol fis-seħħ mill-1 ta` Awwissu 2017.

38.5.4 Dwar tabelli tan-*No Parking,* ġie deċiż ukoll li f`każijiet ta` funeral jew tieġ, jingħata permess għal *parking bay* waħda biss fejn il-Knisja.

38.5.5 Il-Kunsillier Joe Galea issuġġerixxa li l-laqgħat tal-Kunsill fis-sajf ma jibqgħux isiru filgħaxija. Il-Kunsill unanimament qabel li fis-sajf, il-laqgħat tal-Kunsill jibdew isiru fis-1.30pm.

38.5.6 Il-Kunsillier Daniel Muscat issuġġerixxa li titwaħħal tabella *Dead End* fi Triq Santa Marija qabel ma` ddur għal Triq il-Barriera biex sewwieqa jkunu nfurmati li Triq il-Barriera ma tinfidx. Se ssir applikazzjoni ma` Transport Malta.

38.5.7 Issemmiet il-problema ta` skart li qed jintefgħa madwar il-Bring-in-Site f`Wesgħa Profs Aquilina. Is-SE infumat lill-Kunsill li ġieli għaddew l-ilmenti lill-pulizija flimkien mal-filmati, pero` ħadd ma ġie mħarrek, għalhekk issuġġeriet li jibdew jittellgħu ritratti ta` min jinqabad jarmi fuq il-paġna ta` Facebook tal-Kunsill. Se jiġi ċċekjat dwar jekk hux permess minħabba *Data Protection.*

38.5.8 Il-Kunsillier Daniel Muscat infurma lill-Kunsill li residenta qed tissuġġerixxi li jitwaħħlu tabelli *Respect the Residents* fi Triq Guze Bonnici biex min jiġi fil-*bars* jirrispetta r-residenti. Is-suġġeriment ma ġiex milqugħ.

38.5.9 Il-Kunsillier Daniel Muscat infurma lill-Kunsill li qed tintalab li ssir *Motorcycle Bay* fil-Wied ta` Ħal Balzan fl-akwati tal-ħanut tat-*tattoos.* Se jiġi ċċekjat jekk hemmx spazju, biex napplikaw għal permess ma` Transport Malta.

38.5.10 Il-Kunsillier Daniel Muscat issuġġerixxa li jsiru tliet (3) arbli minnflok wieħed (1) u flimkien mal-bandiera ta` Ħal Balzan jittellgħu il-bnadar ta` Malta u tal-Unjoni Ewropea. Issuġġerixxa wkoll li dawn jitpoġġew fuq il-bankina fil-pjazza qabel ma` ddur għal Triq Idmejda minnflok fejn jinsab l-arblu preżentament.

F`dan il-ħin (5.15pm) ġiet sospiża l-laqgħa għal ftit minuti. Il-laqgħa tkompliet fil-5.30pm.

## 38.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta` Rapporti

38.6.1.1 Rapport Finanzjarju għat-tliet xhur minn April sa Ġunju 2017
Is-Segretarju Eżekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju għat-tliet xhur minn April sa Ġunju 2017(anness).

38.6.1.2 Ir-Rapport ġie approvat unanimament.

38.6.2.1 *Tender for Street Sweeping Services in the locality of* Ħal Balzan – BLC 04/2017

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħed ir-rapport kif ukoll il-Minuti tal-evalwazzjoni tat-*Tender for Street Sweeping Services in the locality of* Ħal Balzan – BLC 04/2017. Kopja ta` dawn ingħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

38.6.2.2 Ir-rapport u l-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tinforma lil dawk kollha interessati bir-riżultat fejn qed jiġi rrakomandat li l-kuntratt jinqasam bejn Progressive Solutions Ltd u Premier Business Limited għall-ammont totali ta` €115,664.64 peress li kien hemm żewġ (2) offerti bl-istess prezz li nzertaw l-irħas minn dawk konformi. Dawn iż-żewġ (2) kumpaniji se jiġu mitluba li jaħdmu sentejn kull wieħed.

38.6.3.1 *Tender for Works for Maintenance of Traffic Signs and Road Markings in the locality of* Ħal Balzan – BLC 06/2017

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħed ir-rapport kif ukoll il-Minuti tal-evalwazzjoni tat-*Tender for Works for Maintenance of Traffic Signs and Road Markings in the locality of* Ħal Balzan – BLC 06/2017. Kopja ta` dawn ingħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

38.6.3.2 Ir-rapport u l-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tinforma lil dawk kollha interessati bir-riżultat fejn qed jiġi rrakomandat li l-offerta tingħata lill-kumpanija Signmark Ltd.

## 38.7 Ilmenti u *Items* oħra ta` xogħol ieħor tal-Kunsill

38.7.1.1 Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-appart (NVR) li jinsab fl-uffiċċju, li jirrikordja l-filmati tas-*CCTVs* kien bil-ħsara, għalhekk infurmat lill-Alarmtech biex isewwuh. Wara li dan ġie ċċekkjat, Alarmtech infurmawna li ma jissewwiex. Huma ħarġu b`żewġ (2) opzjonijiet:

1. Li jinxtara wieħed ġdid għas-somma ta` 545.00c (Excl. VAT) jew
2. Li l-NVR li jinsab fil-kamra ta` fejn il-latrina jiġi mressaq u jitpoġġa fl-uffiċċju għas-somma ta` €683.75c (Excl. VAT)

Alarmtech jissuġġerixxu lill-Kunsill imur għal opzjoni numru 2, peress li l-post fejn jinsab l-apparat bħalissa huwa umduż u jista` jsirlu l-ħsara, u l-Kunsill ikollu kollox installat f`sistema waħda. Is-SE infurmat lill-Kunsill li b`opzjoni 2, l-Kunsill jiffranka wkoll konnessjoni tal-*internet*.

38.7.1.2 Il-Kunsill unanimament qabel li jagħżel opzjoni 2 għall-ammont ta` €683.75c (Excl. VAT).

38.7.2 Ġiet innutata Ċirkulari AKL 46/2017 – Inizjattiva MCCF mibgħuta mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali. Il-Kunsilliera kollha qablu li jitnaqqas l-ammont ta` €2.33c fix-xahar mill-*Allowance* tagħhom biex tingħata donazzjoni lill-MCCF.

38.7.3 Is-SE infurmat lill-Kunsill b`*email* li nbagħtet mis-Sur Gaston Camilleri, fejn qed jitlob li jitneħħew il-*planters* li hemm faċċata tal-Qronfla fi Triq il-Kbira għax qed jintużaw biex iħammġu l-klieb fihom. Il-Kunsill innota li din hija kwistjoni ta` *enforcement* u se jiġu nfurmati l-gwardjani lokali b`dan, għalhekk it-talba ma ġietx milqugħa.

38.7.4 Ġiet innutata Ċirkulari AKL 42/2017 – Kollaborazzjoni mal-Kummissjoni kontra l-Vjolenza Domestika f`sensiela ta` attivitajiet. Ser tintalab aktar informazzjoni dwar din iċ-Ċirkulari.

38.7.5.1 Is-SE infurmat lill-Kunsill li s-Sur Godwin Migneco qed jitlob li titneħħa temporanjament bozza W011 li tinsab mal-faċċata ta` dar 166, Dolphin, Triq il-Ferrovija l-Qadima sakemm din id-dar titwaqqa` u terġgħa tinbena.

38.7.5.2 Il-Kunsill unanimament approva t-talba tas-Sur Migneco, bil-kundizzjoni li din il-bozza teħel post ieħor sakemm isir ix-xogħol.

38.7.6 Is-SE infurmat lill-Kunsill bir-risposta tas-Sur Domenic Vella (Transport Malta). It-talba li saret mill-Kunsill biex titkompla s-*central strip* li hemm preżentament bis-siġar jew tingħalaq b`*bollards* sabiex tipprojbixxi vetturi jaqsmu minn Triq il-Ferrovija l-Qadima għal Vjal De Paule, ma ġietx milqugħa.

38.7.7 Ġiet innutata Ċirkulari AKL 44/2017 – Taxxa u Kontribuzzjoni tas-Sigurta` Soċjali fuq l-*Allowance* lill-Kunsilliera. Is-Sindku u l-Viċi Sindku talbu lis-SE biex tibqa` taqtgħalhom bir-rata ta` 35% u 25% rispettivament.

38.7.8.1 Is-SE infurmat lill-Kunsill lis-Sur Reuben DeGabriele, Direttur tal-Kummissjoni Armar Marija Annunzjata qed jitlob l-għajnuna tal-Kunsill biex isiru toqob għall-arbli fi Triq il-Ferrovija l-Qadima, Vjal il-Bon Pastur u Triq Birbal.

38.7.8.2 Ġie deċiż li tintalab aktar informazzjoni dwar x`tip ta` għajnuna qed tintalab. Ġie deċiż ukoll li nistaqsu lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali jekk hux permess li jintużaw il-ħaddiema allokati mal-Kunsill biex isir dan it-tip ta` xogħoli minnhom fil-ħin tax-xogħol.

38.7.9 Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-Każin Marija Annunzjata ukoll qed jitolbu l-għajnuna tal-Kunsill biex jiżdiedu t-toqob tal-arbli fil-pjazza. Se nistennew ir-risposta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, u din it-talba tiġi diskussa aktar il`quddiem.

38.7.10 Ġiet innutata Ċirkulari Numru 17/2017 – Interess minn Kunsilli Lokali biex jieħdu sehem fi proġett tal-Unjoni Ewropea WiFi4EU mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

38.7.11 Ġiet innutata Ċirkulari Numru 18/2017 – *Policy Guideline* dwar l-Immaniġġar tal-Iskart Elettriku u Elettroniku (l-WEEE) miġbur mill-Kunsill Lokali. Se tiġi kkunsidrata meta jkun wasal iż-żmien li terġgħa tinħareġ is-sejħa għall-offerti għal ġbir ta` skart goff.

38.7.12 Ġiet innutata *email* fejn qed tintalab l-għajnuna tal-Kunsilli Lokali biex jieħdu sehem fl-attivita` *Let's Do It Malta 2017* li se ssir fis-16 ta` Settembru 2017. Il-Kunsill unanimament jaqbel li jieħu sehem f`din l-attivita`.

38.7.13.1 Ġie nnutat rapport mibgħut mill-*Maintenance Monitoring Unit* fi ħdan il-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali, fejn qed jinfurmaw lill-Kunsill li fuq is-*central strip* tal-Wied ta` Ħal Balzan k/m Triq il-Kbira hemm tabella mdawwla tat-traffiku mkissra.

38.7.13.2 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li ta` sikwiet vetturi kbar qed jitilgħu fuq is-*central strip* biex iduru għall-Wied ta` Ħal Balzan. Ġie deċiż li din titneħħa u tinżebagħ b`żebgħa bajda, is-*central strip* biex tkun tidher fid-dlam.

## 38.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta` pagamenti

38.8.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta` pagamenti nru. 8/17 li ġġib id-data tas-27 ta` Lulju 2017 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta` €22,554.87.

38.8.2 L-iskeda ta` ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` li kien issekondat mill-Kunsillier Joe Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 38.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

38.9.1 Il-Laqgħa ntemmet fis-6.30pm.

38.9.2 Il-Laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Ħamis, 31 ta` Awwissu 2017 fis-1.30pm.

Konfermati, illum il-Ħamis, 31 ta` Awwissu 2017.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Nut. Ian Spiteri<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |